# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 442/17/2 JVC**

**Carmelo Mallia**

**v.**

**Alfred Mallia**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni tal-11 ta' Awwissu, 2022, magħmula minn Alfred Mallia taħt l-**Artikolu 811 (a), (e)** u **(l) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex jinstema' mill-ġdid l-appell li ġie maqtugħ minn din il-Qorti b'sentenza mogħtija fit-12 ta' Mejju, 2022, wara li tiġi mħassra l-istess sentenza.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tad-19 ta' Mejju, 2017, l-attriċi Carmela Mallia fissret li hija sidt ta' maħżen numru 109, fi Triq il-Mosta, Ħ'Attard, li kien għamel xi żmien mikri lil Palma Agricultural Supplies Co. Ltd. Iżżid tgħid, li wara li din il-kumpanija ġiet imħassra minn fuq ir-reġistru tal-kumpaniji b'deċiżjoni tas-7 ta' Mejju, 2015, il-konvenut Alfred Mallia, li kien azzjonist ta' din il-kumpanija, baqa' jżomm dan il-maħżen taħt idejh. Billi fil-fehma tal-attriċi, Alfred Mallia ma kellux titlu li jiswa fil-liġi biex iżomm dan il-maħżen, hija talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tordnalu jitlaq minn hemm.

3. B'sentenza mogħtija fis-26 ta' Novembru, 2020, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet dawn it-talbiet għaliex sabet li l-konvenut kellu jedd li jibqa' fil-maħżen b'titlu ta' kommodat. Fil-qosor, l-Ewwel Qorti dehrilha li ma ġiex pruvat li Palma Agricultural Supplies Co. Ltd kienet qiegħda tokkupa l-maħżen b'titlu ta' kirja għaliex ma ħariġx li din kienet qiegħda tħallas xi kera. B'żieda ma' dan, l-Ewwel Qorti sabet li l-konvenut Alfred Mallia kellu l-jedd li jibqa' jżomm dan il-maħżen b'titlu ta' kommodat maħluq bejn l-awturi tal-partijiet, sakemm huwa jibqa' jużah bħala ħanut tal-annimali u tal-għodda għall-agrikoltura.

4. L-attriċi Carmela Mallia appellat minn din is-sentenza b'rikors tal-

14 ta’ Diċembru, 2020, u saħqet li mhux minnu li kien jeżisti kuntratt ta’ kommodat favur Alfred Mallia. Minbarra dan, hija sostniet ukoll li l-maħżen kien tabilħaqq mikri lil Palma Agricultural Supplies Co. Ltd.

5. Flimkien mar-rikors tal-appell, Carmela Mallia hemżet għadd ta’ dokumenti li qalet li huma kopja ta’ riċevuti ta’ ħlas tal-kera. Din il-Qorti iżda fis-sentenza finali tagħha ordnat it-tneħħija tagħhom mill-atti tal-kawża minħabba li dehrilha li dawn setgħu jitressqu quddiem l-Ewwel Qorti sa mill-bidu nett tal-kawża.

6. Illi b’sentenza mogħtija fit-12 ta’ Mejju, 2022, din il-Qorti b’Imħallfin differenti, laqgħet l-appell imressaq mill-attriċi Carmela Mallia u wara li ddikjarat li l-konvenut kien qiegħed iżomm dan il-maħżen mingħajr titlu li jiswa fil-liġi, ordnatlu biex huwa jrodd lura l-pussess materjali lill-attriċi fi żmien xahrejn mid-data tas-sentenza.

7. Ir-raġunijiet ewlenija li wasslu lil din il-Qorti biex tilqa’ dan l-appell jistgħu jinġabru hekk: (i) li l-post kien mikri lil Palma Agricultural Supplies Co. Ltd qabel ma’ din ġiet imneħħija minn fuq ir-reġistru tal-kumpaniji; (ii) li kien il-konvenut Alfred Mallia stess, f’paragrafu sitta tal-affidavit tiegħu, ippreżentat fl-atti tal-kawża tal-istralċ tal-kumpanija, li kien qal li għal snin twal kien hemm kirja favur Palma Agricultural Supplies Co. Ltd; (iii) li ladarba l-konvenut xehed hekk fl-atti tal-kawża tal-istralċ ma jistax issa

jgiddeb lilu nnifsu u jgħid li ma kienx hemm kirja, għax hekk jaqbillu għall-għanijiet ta' din il-kawża; (iv) li l-konvenut ma setax iżomm il-post b'titlu ta' kommodat sakemm dan kien mikri lil Palma Agricultural Supplies Co. Ltd; u (v) li t-tgawdija tal-post min-naħa tal-konvenut, wara li ġiet stralċjata Palma Agricultural Supplies Co. Ltd, kellha biss min-natura tal-prekarju u mhux tal-kommodat.

8. Fil-11 ta' Awwissu, 2022, Alfred Mallia ressaq rikors fejn qal li hemm raġunijiet tajba biżżejjed biex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-12 ta' Mejju, 2022, tiġi mħassra u l-kawża tiġi ritrattata skont l-**Artikolu 811(a), (e)** u **(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

9. Skont Alfred Mallia hemm lok għar-ritrattazzjoni minħabba tliet raġunijiet differenti. Fl-ewwel lok, huwa jgħid li l-attriċi ingannat lil din il-Qorti meta qalet li l-maħżen kien mikri lil Palma Agricultural Supplies Co. Ltd u kompliet aktar tqarraq b'din il-Qorti meta mar-rikors tal-appell hija hemżet dokumenti li qalet li huma irċevuti tal-kera. Fit-tieni lok, huwa saħaq li din il-Qorti ħaddmet il-liġi ħażin għaliex tat sentenza fuq fatti li ma jeżistux fir-realtà. Fl-aħħar lok, huwa jsostni li din il-Qorti żbaljat ukoll il-fatti meta qalet li kien jeżisti kuntratt ta' kera ma' Palma Agricultural Supplies Co. Ltd.

10. Fuq is-saħħa ta' dawn ir-raġunijiet huwa talab lil din il-Qorti sabiex:

> *«i. Tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija fi stadju ta' appell u ċioè, sentenza fl-ismijiet, Carmela Mallia v. Alfred Mallia (Rikors 442/207) datata 12 ta' Mejju 2022;*
>
> *ii. Tħassar l-istess sentenza fuq imsemmija;*
>
> *iii. Tordna li ssir ritrattazzjoni tal-imsemmi rikors skont il-liġi u dan a bażi tal-Artiklu 811 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta).*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra r-ritrattant li hu minn issa inġunt għas-subizzjoni.»*

11. Carmela Mallia wieġbet għal dan ir-rikors fis-26 ta' Ottubru, 2022 u hemmhekk tat ir-raġunijiet tagħha għaliex it-talba ta' ritrattazzjoni mressqa minn Alfred Mallia jmissha tiġi miċħuda.

12. Inżammet seduta fil-21 ta' Frar, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

13. L-azzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti hija waħda ta' ritrattazzjoni.

14. Il-punt li minnu trid titlaq din il-Qorti huwa l-prinċipju tad-dritt li r-rimedju ta' ritrattazzjoni huwa wieħed ta' natura straordinarja li jitbiegħed mill-prinċipju ġenerali li l-ġudikat jorbot lill-partijiet (ara ***Assoċjazzjoni Protezzjoni Ċivili v. Ministru Għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Sport et***, Appell Superjuri tas-17 ta' Ġunju, 2013).

15. Mhuwiex l-għan wara dan it-tip ta' rimedju, li parti tingħata mezz ieħor ta' appell mis-sentenza finali biex forsi jseħħ eżami mill-ġdid tal-kawża (ara ***Marie-Louise Muscat Inglott sive Marie-Louise Muscat Manduca et v. Louis Manduca***, Appell Superjuri tas-6 ta' Diċembru, 2002). Mod ieħor, l-istitut tar-ritrattazzjoni għandu jissejjes fuq il-prinċipju, li kemm jista' jkun, sentenza li tkun ingħatat u saret ġudikat m'għandhiex titwaqqa' malajr, imma għandha titwaqqa' biss għal raġunijiet serji u gravi li jkunu tali li l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ tal-imsemmija sentenza jkunu jmorru kontra s-sens ta' ħaqq u ta' ordni pubbliku (ara ***Boris Arcidiacono et v. Salvu Schembri et***, Appell Superjuri tal-14 ta' Ottubru, 2014).

16. Talba għar-ritrattazzjoni ta' kawża għalhekk mhix appell mis-sentenza f'dik il-kawża, bħalma lanqas ma hi okkażjoni oħra biex il-parti telliefa terġa' tressaq l-argumenti tagħha wara li dawk l-argumenti ma jkunux rebbħulha l-kawża (ara ***Herbert Baldacchino noe v. Cecil Pace et noe et***, Appell Superjuri tat-22 ta' April, 2004).

17. B'żieda ma' dan, mhux biss dan ir-rimedju jista' jiġi mqanqal f'każ ta' wieħed miċ-ċirkostanzi msemmija **Artikolu 811 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta** iżda dawn iċ-ċirkostanzi għandhom jiġu meqjusa b'mod dejjaq kemm jista' jkun, mingħajr ebda forma ta' tiġbid jew analoġija (ara

***Isabella Zananian Desira v. Kunsill Mediku***, Appell Superjuri tal-31 ta' Mejju, 2019).

18. Illi f'dan il-kuntest, bi tweġiba għall-preġudizzjali ta' nullità tal-azzjoni mressqa minn Carmela Mallia, din il-Qorti tgħid li m'hemmx għalfejn li l-kawżali speċifiċi tal-**Artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jissemmew fit-talbiet finali tar-rikors għar-ritrattazzjoni iżda huwa biżżejjed li dawn il-kawżali jiġu identifikati b'mod ċar fir-rikors ta' ritrattazzjoni. Sewwasew, f'dan il-każ, Alfred Mallia semma fil-kontenut tar-rikors tiegħu li huwa kien qiegħed iressaq it-talba tiegħu għar-ritrattazzjoni fuq il-kawżali tal-**Artikolu 811(a), (e)** u **(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Jiġi b'hekk, li din il-preġudizzjali mqajma minn Carmela Mallia qiegħda tiġi miċħuda.

19. B'daqshekk dan ma jfissirx li Alfred Mallia għandu raġun jitlob ir-ritrattazzjoni tal-kawża. Anzi din il-Qorti ħasset il-ħtieġa li aktar kmieni toqgħod ittenni l-prinċipji elementari tal-liġi li jsawru l-istitut tar-ritrattazzjoni, mhux b'kappriċċ, iżda għaliex huwa bil-wisq ċar li Alfred Mallia ressaq dan ir-rikors mhux għaliex tassew jeżistu raġunijiet siewja biex ikun hemm ritrattazzjoni tal-kawża, imma għaliex huwa qed jipprova jsib mezz biex din il-Qorti terġa' tidħol biex tqis il-mertu tal-kawża li ġie deċiż bis-sentenza attakkata.

20. B'ċertu sogħba, din il-Qorti jkollha tistqarr li dan ir-rikors imressaq minn Alfred Mallia ma huwa xejn ħlief tentattiv fqir ħafna, biex ma ngħidux ukoll fieragħ, biex iġiegħel lil din il-Qorti terġa' tiftaħ beraħ il-mertu tal-każ.

21. Dwar l-ewwel kawżali tal-qerq taħt l-**Artikolu 811(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, huwa magħruf fil-ġurisprudenza illi biex talba fuq din il-kawżali tista' tiġi milqugħa hemm bżonn illi jintwera: (i) illi l-qerq użat kien tax-xorta tali illi kien ixekkel milli wieħed jiddefendi lilu nnifsu (ara ***John Bugeja nomine v. Kummissarju tal-Artijiet***, Appell Superjuri tal-15 ta' Jannar, 2002); u (ii) illi l-qerq ġie eżerċitat minn parti kontra l-oħra u mhux sempliċement jikkonsisti f'xhieda qarrieqa ta' xhud li jissejjaħ fil-kawża (ara ***Anthony sive Tony Aquilina v. Av. Anthony Henry Farrugia nomine***, Appell Superjuri tas-16 ta' Frar, 2004).

22. Minbarra dan, il-qerq li jrid jintwera ma jridx joħroġ jew ikun marbut mal-mertu li jkun diġà ġie mistħarreġ fis-sentenza attakkata (ara ***Emanuel Falzon v. Alfred Fenech***, Appell Superjuri tal-21 ta' Mejju, 2019). Kif osservat fis-sentenza ***Ersilia Calleja et v. Franky Gambin***, Appell Superjuri tal-21 ta' Novembru, 1997, «*mhux konċepibbli allura l-qerq naxxenti mill-fatt u ċirkostanza li kienu għalkollox noti lill-persuna li suppost ġiet imqarrqa u li kienet konsapevoli tagħhom*». Il-qerq ġudizzarju, fi kliem ieħor, irid ikun fil-proċeduri li wasslu għas-sentenza li jkun qed jintalab it-tħassir tagħha, u mhux jifforma l-mertu tal-kawża

mismugħa u deċiża (ara ***Martin Xerri v. Joseph Rapa et***, Appell Superjuri tas-17 ta' Ġunju, 2013).

23. Hekk imħaddma dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, din il-Qorti bla tlaqliq tgħid li ma jeżisti l-ebda qerq ġudizzjarju li għalih jirreferi l- **Artikolu 811(a) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Ibda biex, il-qerq imsemmi minn Alfred Mallia, marbut mal-eżistenza jew ineżistenza tal-kirja tal-maħżen lil Palma Agricultural Supplies Co. Ltd, kien appuntu wieħed mill-aggravji li kellu jiġi deċiż minn din il-Qorti fis-sentenza attakkata. Mhux hekk biss, imma Carmela Mallia kienet għamlet riferenza għal din il-kirja, saħansitra fil-premessi tar-rikors maħluf tagħha, li bih hija nediet din il-kawża. Ifisser għalhekk li Alfred Mallia kien jaf sew b'din l-allegazzjoni ta' Carmela Mallia li hemm kirja sa mill-bidu nett tal-kawża u b'hekk huwa kellu kull opportunità waqt il-kawża biex iressaq kull prova u sottomissjoni dwar din il-kwistjoni. Fil-fatt huwa ressaq provi u sottomissjonijiet biex jgħid li din il-kirja ma kinitx teżisti, iżda filwaqt li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tagħtu raġun, mhux l-istess ġara mill-Qorti tal-Appell li ma tagħtux raġun.

24. Fi kliem ieħor, din il-kwistjoni marbuta mal-eżistenza jew le tal-kirja ma setgħet qatt tkun is-suġġett ta' qerq ġudizzjarju, ladarba din il-kwistjoni ġiet missielta bejn il-partijiet waqt il-kawża u ġiet mistħarrġa u deċiża kemm mill-Ewwel Qorti u kif ukoll minn din il-Qorti.

25. Terġa' u tgħid, din il-Qorti qalet fis-sentenza attakkata li l-prova li kienet teżisti din il-kirja ħarġet mill-affidavit stess ta' Alfred Mallia li huwa kien ressaq fl-atti tal-kawża ta' stralċ ta' Palma Agricultural Supplies Co. Ltd. Ma jinftehimx għalhekk kif Alfred Mallia jista' qatt b'serjetà jallega li Carmela Mallia qarrqet b'din il-Qorti fl-għoti tas-sentenza tagħha, meta jirriżulta li din il-Qorti qagħdet fuq dak li kien xehed huwa stess fi proċeduri oħrajn.

26. Hekk ukoll, din il-Qorti hija perplessa ferm, kif Alfred Mallia qiegħed jasal biex jgħid li s-sentenza attakkata ġiet miksuba b'qerq minħabba l-irċevuti li ġew mehmuża minn Carmela Mallia mar-rikors tal-appell tagħha, meta jirriżulta li din il-Qorti fis-sentenza attakkata kienet ordnat it-tneħħija tagħhom mill-atti tal-kawża minħabba li sabet li dawn kien messhom tressqu quddiem l-Ewwel Qorti.

27. Din il-Qorti għalhekk qiegħda ssib li Alfred Mallia ma seħħlux iressaq raġunijiet biżżejjed tajba ta' qerq biex titħassar is-sentenza attakkata. Anzi l-Qorti qiegħda tqis li huwa ressaq raġunijiet li huma għalkollox fiergħa u li ma kellhomx għalfejn isibu posthom f'dan ir-rikors.

28. Il-Qorti tista' tgħaddi issa biex tqis it-tieni raġuni ta' ritrattazzjoni mressqa minn Alfred Mallia taħt l-**Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

29. Talba ta' ritrattazzjoni fuq l-**Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** timplika użu ta' provvediment tal-liġi flok ieħor (ara ***Alexander Gray Bannerman et v. John Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019). Għalhekk, biex tingħata r-ritrattazzjoni, irid jintwera li l-Qorti applikat il-liġi l-ħażina fis-sentenza attakkata. Huwa minħabba f'hekk ukoll li l-liġi fl-**Artikolu 816 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** trid li min jitlob is-smigħ mill-ġdid ta' kawża jrid isemmi wkoll liema messha kienet il-liġi t-tajba li suppost ġiet applikata (ara ***Joseph Spiteri et v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2019).

30. F'dan il-każ, Alfred Mallia ma indika l-ebda artikolu tal-liġi li ġie applikat b'ieħor. Għalhekk mingħajr tismija ta' artikolu tal-liġi li suppost kellu jiġi applikat minflok ieħor, it-talba tiegħu għar-ritrattazzjoni ma tistax tiġi mistħarrġa għaliex jonqos fiha element essenzjali li l-liġi trid biex din tkun tista' tiġi meqjusa (ara ***Salvino Testaferrata Moroni Viani et v. David Vella noe***, Appell Superjuri tal-24 ta' Settembru, 2004, ***Rose Gauci et v. Mr. Donald Felice et***, Appell Superjuri tat-8 ta' Ottubru, 2009 u ***Bernardette Gatt et v. Alessandro sive Sandro Cassano et***, Appell Superjuri tad-9 ta' Frar, 2023).

31. Jifdal biss li tkun indirizzata l-aħħar kawżali marbuta mal-**Artikolu**

**811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**. Dan l-artikolu jipprovdi li hemm lok għar-ritrattazzjoni meta s-sentenza kienet l-effett ta’ żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

32. L-iżball ta’ fatt li skont Alfred Mallia sar minn din il-Qorti fis-sentenza attakkata huwa li mhux veru li l-maħżen kien mikri lil Palma Agricultural Supplies Co. Ltd.

33. Fil-fehma tal-Qorti anke din ir-raġuni mhijiex waħda fejjieda sabiex tista’ tissokta r-ritrattazzjoni.

34. Dak li jidher li qed jaħrab lil Alfred Mallia huwa li skont l-**Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**, hemm lok ta’ ritrattazzjoni fuq żball ta’ fatt, «*basta li, ...., il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza*».

35. Dwar dwan il-punt ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Isidoro Agius v. Giuseppe Bugeja*** deċiża fit-13 ta' Ġunju, 1995 (**Kollez. Vol: LXXIX.ii.537**) li,

> *«jekk l-iżball akkampat bħala motiv għar-ritrattazzjoni kien punt ta' kontestazzjoni li ġie maqtugħ bid-deċiżjoni impunjata, mhix ammessa ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' dak l-iżball, u l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti ma humiex sindakabbli, u ma jagħtux lok għar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni.»*

36. Sewwasew f’dan il-każ, wieħed mill-aggravji li ġie deċiż minn din il-

Qorti fis-sentenza attakkata kien tabilħaqq fuq jekk kinitx teżisti din il-kirja jew le. F'paragrafi 14 sa 18 tas-sentenza attakkata, din il-Qorti kkonkludiet, fuq il-provi miġjuba, li din il-kirja kienet teżisti. Ifisser allura li ġaladarba l-«*iżball*» li Alfred Mallia qiegħed jgħid li hemm fis-sentenza attakata kien dwar punt ikkontestat li ġie deċiż minn din il-Qorti, allura dan l-iżball ma jistax jagħti lok għar-ritrattazzjoni taħt l-**Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara ***Christopher Gauci v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Lulju, 2020).

37. Kawża ta' ritrattazzjoni m'għandhiex isservi sabiex issir interpretazzjoni differenti minn dik tal-Qorti li tkun iddeċidiet il-kawża, għaliex inkella l-Qorti tkun qiegħda tikkonsidra appell minn deċiżjoni li ma tistax tiġi appellata (ara ***Joseph Agius et v. Ġolu Spiteri*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019).

38. Għalhekk anke din l-aħħar kawżali qiegħda tiġi miċħuda.

39. Billi l-proċedura ta' ritrattazzjoni mressqa minn Alfred Mallia sejra tiġi miċħuda, ma kienx hemm lok lanqas li tiġi milqugħa l-ewwel talba ta' Alfred Mallia biex din il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza attakkata (ara f'dan is-sens ***Mariano Vella v. Soċjetà "Gourmet Company Limited"***, Appell Superjuri tal-11 ta' Ottubru, 2005

u ***Ġemma Falzon pro et noe v. Stephen Falzon***, Appell Superjuri tat-13 ta’ Lulju, 2001). Terġa’ u tgħid, din it-talba għas-sospensjoni ma saritx b’ħarsien ta’ dak li jgħid l-**Artikolu 823(2) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta’ Malta** għaliex tali talba: (i) la tressqet b’rikors indipendenti mir-rikors għar-ritrattazzjoni; (ii) la kienet akkumpanjata minn garanzija kif imsemmija fl-**Artikolu 266(10) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta’ Malta**; u (iii) lanqas ma kien fiha raġunijiet dwar il-preġudizzju li jista’ jbati Alfred Mallia, jekk kemm-il darba ma titwaqqafx l-eżekuzzjoni tas-sentenza.

40. Fl-aħħar nett, din il-Qorti tagħlaq billi tgħid li hija taqbel ma’ Carmela Mallia li dan ir-rikors huwa fieragħ u vessatorju għaliex kif irriżulta aktar ‘il fuq, dan lanqas biss jissodisfa l-elementi legali minimi li huma meħtieġa biex issir talba għar-ritrattazzjoni taħt l-**Artikolu 811(a), (e)** u **(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**. Jixraq għalhekk li Alfred Mallia jħallas spejjeż għal darbtejn skont l-**Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda <u>**tiċħad**</u> it-talbiet kollha ta’ Alfred Mallia għas-sospensjoni u t-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-12 ta’ Mejju, 2022, b’dana li huwa għandu jħallas l-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri għal darbtejn minħabba li nstab li

dawn il-proċeduri huma tabilħaqq fiergħa u vessatorji.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da